MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta ta' l-1 ta' April, 2008

Citazzjoni Numru. 75/2007/1

Agnes mart Henry Zammit

Vs

Joseph Xuereb, Publius Xuereb, Mary Cauchi, u Michael Xuereb f'ismu kif ukoll bhala mandatarju ta' ohtu msiefra Tarcisia Camilleri flimkien ma' John u Margaret konjugi Azzopardi rispettivament, George u Josephine konjugi Farrugia rispettivament u l-kumpannija JCR Limited

Il-Qorti,

**Ritrattazzjoni – Tista tintalab ritrattazzjoni minn decizjoni moghtija fi proceduri li jsiru a tenur tal-Artikolu 495A tal-Kodici Civili (Kap. 16) ? - Sejbien ta' dokument deciziv wara s-sentenza li r-rikorrent ma kienx jaf bih jew li ma setax igibu qabel is-sentenza [Artikolu 811(k) tal-Kodici ta' Organizazzjoni u**

**Procedura Civili (Kap. 12)] – Talba trid tkun ghat-thassir tas-sentenza u ghar-ritrattazzjoni.**

Rat ir-rikors prezentat fit-13 ta' Lulju 2007 li bih ir-rikorrenti qeghda titlob ir-ritrattazzjoni tal-kaz maqtugh b'decizjoni ta' din il-Qorti fl-20 ta' Marzu 2007 fl-ismijiet **Joseph Xuereb et vs Agnes Zammit** (Rikors numru 1/2006). Dak il-kaz kien jittratta proceduri li saru taht l-Artikolu 495A tal-Kodici Civili (Kap. 16) u kienu jirrelataw ghall-porzjon art li tinsab fil-limiti ta' Ghajnsielem, Ghawdex fi Triq Ghajnsielem u b'kejl superficjali ta' cirka sebgha mija u disgha u hamsin metri kwadri (759mk). Ir-raguni ghalfejn qeghda tintalb ir-ritrattazzjoin hi li wara d-decizjoni kien instab dokument deciiz li ma kienitx taf bih jew li ma setatx iggibu qabel is-sentenza, in kwantu rrizulta li din il-proprjeta' ma kienetx proprjeta' provenjenti biss mill-wirt ta' Anthony Xuereb (missier l-ahwa Xuereb) imma kienet tifforma parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti bejn Anthony u Maria Assunta konjugi Xuereb. Ghalhekk ir-rikorrenti talbet sabiex il-Qorti:-

*"3. thassar is-sentenza 1/2006/4AE, u b'mod partikolari il-kapijiet tas-sentenza imsemmija f'paragraffi tnejn (2), tlieta (3) u hamsa (5) tal-istess sentenza, u kwalunkwe referenza ohra illi l-partijiet ilhom ko-propjetarji ghal aktar minn ghaxar (10) snin, li fuqha l-istess Qorti abbazat is-sentenza, u dan in visto ta' skoperta ta' dokument pertinenti Dok MZ4 liema skoperta hija kkontemplata fl-artiklu 811 (k) tal-Kap.12:*

***(k) jekk, wara s-sentenza, ikun instab dokument deciziv, u li l-parti li ggibu ma kinitx taf bih, inkella, illi, bil-mezzi li taghti l-ligi, ma setghatx issibu, qabel dik is-sentenza";***

Min-naha taghhom l-intimati ritrattati pprezentaw risposta fil-5 ta' Settembru 2007 (fol. 69) li fiha eccepew:-

1. Illi fl-ewwel lok, il-procedura u rimedju straordinarji tar-ritrattazzjoni ta' kawza mhumiex disponibbli kontra decizjoni moghtija mill-Qorti fit-termini tal-artikolu 495A tal-Kodici Civili. Ir-ritrattazzjoni stabbilita

fl-artikoli 811 et seq. tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta hija disponibbli biss ghall-partijiet f’**kawza.** Issa, meta gie introdott l-artikolu 495A tal-Kodici Civili, kawza kienet dik illi tigi introdotta permezz ta’ citazzjoni fit-termini tal-artikolu 156 et seq tal-Kap 12. Mentri ghall-kuntrarju il-procedura that l-artikolu 495A kienet tigi introdotta permezz ta’ rikors guramentat. Anke is-smiegh u d-decizjoni ta’ rikors simili kien regolat b’disposizzjonijiet ad hoc, totalment differimenti mill-procedura ghas-smiegh u decizjoni ta’ kawza proprja. Tant huwa hekk illi anke illum, wara li gew introdotti fis-sistema legali ta’ pajjizna l-emendi bis-sahha ta’ liema kawza tigi introdotta permezz ta’ rikors guramentat, il-proceduri adottati fiz-zewg kawzi ghadhom totalment distinti, u sahansitra l-enumerazzjoni tal-processi fir-Registru tal-Qorti ghadha tinzamm distinta. Ghaldaqstant il-procedura adottata mir-rikorrenti odjerni mhijiex dik applikabbli ghall-kaz odjern u din it-talba qatt ma tista’ tigi milqugha.

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, anke jekk ghall-grazzja tal-argument biss, jista’ jigi ritenut illi l-procedura ta’ ritrattazzjoni hija disponibbli ghar-rikorrenti odjerna, xorta wahda jonqsu l-estremi voluti mil-ligi sabiex tali procedura tista’ tkun applikabbli ghall-kaz odjern. Id-dokument illi jipprova illi l-art de quo kienet inxtrat minn missier il-kontendenti ahwa Xuereb kien skond il-ligi disponibbli ghal Agnes Zammit – kull ma kien mehtieg huwa illi hija tordna ricerki fir-registru pubbliku dwar trasferimenti ta’ missierha u dan il-kuntratt kien facilment rintraccabbli. Il-paragrafu (k) tal-artikolu 811 tal-Kap. 12 jaghmilha cara illi mhux sufficjenti, sabiex talba ghal ritrattazzjoni tirnexxi, illi l-parti illi iggib id-dokument gdid ma tkunx taf bih, izda huwa ukoll necessarju illi dik il-parti ‘bil-mezzi li taghti l-ligi, ma setghatx issibu qabel dik is-sentenza’.

3. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, bhala punt ta’ ligi, l-esponenti jemmnu illi l-fatt illi l-art de quo kienet tappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti bejn il-genituri taghhom pjuttost milli parafernali ta’ missierhom ma jbiddel xejn mill-posizzjoni legali rigward id-dritt taghhom illi jitolbu il-bejgh tal-intier minn din l-art galadarba huma l-

maggoranza tal-komproprjetarji taghha. Il-komproprjeta' tal-art de quo twieldet mal-mewt ta' missierhom u galadarba lahqu ghaddew aktar minn ghaxar snin minn dik il-mewt sal-prezentata tar-rikors originali, l-iskoperta tal-kuntratt tal-1941 ma jbiddel xejn u ma jnaqqas xejn mid-dritt ai termini tal-artikolu 495A. L-uniku differenza kienet illi omm l-esponenti kienet, sal-gurnata ta' mewtha komproprjetarja ta' nofs indiviz – liema nofs indiviz intiret mill-kontendenti ahwa Xuereb fi kwota ta' sesta parti indiviza kull wiehed u wahda minnhom.

4. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghall-premess, l-esponenti qatt ma ippruvaw jinfurzaw id-decizjoni ta' din l-Onorabbli Qorti tal-20 ta' Marzu 2007 wara li kienu huma illi skoprew il-fatt illi din l-art kienet tappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti. Difatti, wara dik l-iskoperta l-avukat sottoskritt ikkomunika mal-avukat difensur tar-rikorrenti odjerna (Dr. Angelo Farrugia) fejn qallu b'dan il-fatt, infurmah bil-problemi naxxenti minnu, u stiednu sabiex minflok jersqu ghall-kuntratt in ezekuzzjoni tad-decizjoni tal-Qorti fl-atti tar-rikors 1/2006. Dan l-istess fatt gie komunikat lin-Nutar Miriam Musumeci Macelli, u aktar tard anke lil Dr. Angele Formosa. L-unika raguni il ghala l-avukat ma kkomunikax ma' Agnes Zammit kienet l-etika professjonali. Ghaldaqstant, il-procedura odjerna saret inutilment u intempestivament, u l-ispejjez ta' din il-procedura ghandhom f'kull kaz jigu sopportati esklussivament mir-rikorrenti Agnes Zammit.

Rat ir-risposta prezentata fil-5 ta' Settembru 2007 minn Michael Xureb f'ismu personali u bhala mandatarju ta' ohtu msiefra Tarcisia Camilleri (fol. 73) u li biha wiegbu li m'hemmx bazi ta' ritrattazzjoni skond l-Artikolu 811(k) tal-Kap. 12, u dan peress li r-rikorrenti setghet ma kienetx taf bil-kuntratt tal-21 ta' Frar 1941 fl-atti tan-Nutar Antonio Galea peress li baqghet passive u inattiva. In-nuqqas tar-rikorrenti li taghmel ricerki tal-akkwisti kollha li saru mill-genituri taghha matul iz-zwieg taghhom, ma jiggusitifkax it-talba taghha. F'kull kaz l-ispejjez ghandha tbatihom kollha jew parti sostanzjali minnhom, ir-rikorrenti billi dak li gara kien minhabba nuqqas taghha wkoll.

Semghet ix-xhieda u trattazzjoni tal-avukati.

Rat l-atti kollha inkluzi dawk tar-rikors numru 1/2006 fl-ismijiet **Joseph Xuereb et vs Agnes Zammit** deciz fl-20 ta' Marzu 2007.

Rat in-nota prezentata fid-29 ta' Frar 2008 minn Michael Xuereb.

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta' Frar 2008 minn fejn jirrizulta li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:

1. Il-fatti fil-qosor huma s-segwenti:-

(a) Fis-7 ta' Marzu 2006 l-intimati ritrattati pprezentaw rikors a tenur ta' l-Artikolu 495A tal-Kodici Civili li bih talbu li l-Qorti tordna l-bejgh ta' porzjon art fil-limiti ta' Ghajnsielem, Ghawdex, fi Triq Ghajnsielem tal-kejl superficjali ta' cirka sebgha mija u disgha u hamsin metri kwadri (759mk) konfinanti lbicc mat-triq in parti u in parti ma' beni ta' Michael Cauchi, majjistral ma' beni ta' Joseph Xuereb, in parti u in parti ma' beni ta' Maurice Cascun, u grigal ma' beni ta' Maurice Cascun.
(b) Fir-rikors promotur gie premess li din il-proprjeta' kienet provenjenti mill-wirt ta' **Anthony Xuereb** li miet f'Ghajnsielem fit-30 ta' Ottubru 1965.

(c) Permezz ta' decizjoni li nghatat fl-20 ta' Marzu 2007, il-Qorti laqghet it-talba u ordnat il-bejgh tal-proprjeta' u fl-istess hin innominat lin-nutar Dr. Miriam Musumeci biex tippubblika l-att ta' bejgh fl-ghaxra (10) ta' Mejju elfejn u sebgha (2007).

(d) Mid-decizjoni ma sarx appell.

(e) Fis-27 ta' Marzu 2007 l-intimati ritrattati ghamlu rikors u talbu li  li l-kuntratt ta' bejgh isir f'data ohra u dan peress li l-kompraturi kienu qeghdin jiffinanzjaw l-akkwist b'self minn bank u *"…ghalhekk jibzghu ilil f'dan il-perjodu ma jilhqux jordnaw ir-ricerki kollha fuq il-vendituri,*

*jissoggettaw dawn ir-ricerki ghall-vetting minghand l-avukat tal-bank, u jkollhom kollox komplet sabiex isir il-kuntratt"*[1]. B'digriet moghti fid-29 ta' Marzu 2007 il-Qorti laqghet it-talba u u ordnat li l-pubblikazzjoni tal-att issir l-Erbgha, 27 ta' Gunju 2007 fil-11.00 a.m.

(f) Fis-seduta tas-6 ta' Frar 2008 gie verbalizzat: *"Id-difensuri tal-partijiet qeghdin jaqblu li l-kuntratt ta' bejgh ta' l-art mertu tar-Rikors 1/2006 (AE) kif ordnat mill-Qorti fis-sentenza ta' l-20 ta' Marzu 2007, fol 16, ma setax isir in vista tal-fatt li mir-ricerki li saru wara s-sentenza rrizulta li l-proprjeta? kienet tal-komunjoni ta' l-akkwisti ta' Anthony u Maria Assunta konjugi Xuereb. Dr Carmelo Galea jiccara t-tielet (3) eccezzjoni tieghu fis-sens illi gej: l-intimati odjerni jirrikonoxxu illi llum mhux possibbli illi tigi esegwita l-ordni tal-Qorti fl-atti tar-rikors numru 1/2006 fl-ismijiet inversi stante li dak ir-rikors kien ibbazat fuq il-premessa li l-art de quo tifforma parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-genituri tal-kontendenti. Pero' kieku r-rikors kien korrettement bazat fuq il-premessa li dik l-art tifforma parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti ma kien hemm xejn fil-ligi li jzomm lill-maggoranza tal-ko-eredi milli jitolbu l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 495(a), fil-kaz odjern dan mhux possibbli minhabba li Agnes Zammit gia ntavolat kawza ghad-divizjoni ta' l-assi tal-genituri"*. Sahansitra f'risposta prezentata fl-14 ta' Awwissu 2007 wara rikors li sar mir-ritrattand ghas-sosepensjoni ta' l-ezekuzzjoni tad-decizjoni, ir-ritrattati ddikjaraw li ma kienux qeghdin jopponu ghas-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tas-sentenza, *"…**anzi minn dejjem qablu illi is-sentenza ma tistax tigi ezegwita**. Jopponu ruhhom pero' ghall-ispejjez gudizzjarji zejda illi qeghdin jigu inkorsi – stante illi huma accettaw, sa mill-mument illi gie skopert il-kuntratt tal-akkwist, illi s-sentenza tigi reza inezegwibbli u lesti jaghmlu kull dikjarazzjoni f'dan is-sens"* (enfazi tal-Qorti) .

2. Permezz ta' l-ewwel eccezjoni l-intimati qeghdin isostnu li m'huwiex possibbli li ssir procedura ta'

[1] Rikors li sar fl-atti tar-rikors numru 1/2006 fl-ismijiet **Joseph Xuereb et vs Agnes Zammit**.

ritrattazzjoni minn proceduri li jkunu saru ai termini tal-Artikolu 495A tal-Kodici Civili (Kap. 16) ghaliex il-procedura ta' ritrattazzjoni hi possibbli biss f'kawza, u din tirreferi ghal dawk il-kawzi li jigu introdotti permezz ta' citazzjoni fit-termini tal-Artikolu 156 et sequitur tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12).

L-Artikolu 811 tal-Kap. 12 jipprovdi:-

**811.** Kawża deċiża b'sentenza mogħtija fi grad ta' appell tista', fuq talba ta' waħda mill-partijiet li jkollha interess, tiġi ritrattata, wara li qabel xejn tiġi mħassra dik is-sentenza, għal waħda minn dawn ir-raġunijiet li ġejjin:

Rilevanti wkoll hu l-Artikolu 812 tal-Kap. 12 li jipprovdi:-

**812.** Ir-ritrattazzjoni ta' kawża deċiża b'sentenza mogħtija minn qorti ta' l-ewwel grad, u li għaddiet f'ġudikat, tista' tingħata wkoll, fuq talba tal-partijiet li jkollhom interess, f'kull wieħed mill-każijiet imsemmijin fl-aħħar artikolu qabel dan, basta li l-parti tkun ġiet taf bil-fatti illi minħabba fihom titlob ir-ritrattazzjoni, wara li jkun għalaq iż-żmien ta' l-appell.

Il-Qorti ma taqbilx mal-argument tal-intimati ritrattati. Il-kelma "kawza" ma tfissirx proceduri li jibdew skond l-Artikolu 154 tal-Kap. 12. Fil-fehma tal-Qorti, il-kelma "kawza" tkopri wkoll proceduri li jsiru taht l-Artikolu 495A tal-Kap.12. L-ghamla tal-att gudizzjarju li bih jinbdew il-proceduri gudizzjarji, m'hijiex daqstant rilevanti daqskemm hi n-natura tal-procedura li tkun ittiehdet b'dak l-att, u t-tip ta' provvediment li jkun inghata in segwitu ghal dik il-procedura. Il-Qorti m'ghandix dubju li d-decizjoni li tat fl-20 ta' Marzu 2007 tikkwalifika bhala sentenza, in kwantu ddecidiet il-vertenza ta' bejn il-partijiet fil-mertu. Dan ma kienx xi kaz fejn il-Qorti kienet tat biss decizjoni fuq eccezzjoni u ordnat il-prosegwiment tas-smiegh tal-kawza, f'liema eventwalita r-ritrattazzjoni ma kenitx tkun ammissibbli (ara sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawza **Karmenu Mifsud Bonnici nomine et vs John Scicluna nomine et** deciza fis-26 ta' April 1993) jew tat xi provvediment li seta' jigi varjat. Kif tajjeb qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza **Philip O. Gatt proprio et nomine**

**vs Adrian Busitta proprio et nomine** deciza fid-9 ta' Mejju 2002, *"dak li jikkostitwixxi sentenza huwa d-definittivita' taghha, fis-sens ta' quando terminat negotium de quo agitur, u tista' tkun ta' zewg ghamliet: jew li taqta' l-meritu tal-kwistjoni, jew li tehles lill-imharrek milli joqghod ghall-kawza. Min-naha l-ohra, d-digriet ma jtemmux il-kwistjoni u jinghataw matul is-smigh tal-atti bis-soluzzjoni ta' kwistjonijiet ancillari"*. Il-Qorti hi tal-fehma li proceduri ghal ritrattazzjoni ma jiddependux mill-fatt jekk il-kawza tkunx inbdiet permezz tal-procedura kontemplata fl-Artikolu 156 tal-Kap. 12. Tant dan hu minnu li l-gurisprudenza applikat din il-procedura ukoll ghall-proceduri li jsiru quddiem il-Bord Li Jirregola l-Kera (ara per ezempju **Anthony Cassar vs Flora Mifsud** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-5 ta' Frar 1945 – Vol. XXXII.i.155 u **Edward Kitcher –vs- Gio Maria Ciappara** deciza mill-Qorti tal-Appell, 17 ta' Gunju 1955 – Vol. XXXIX.i.236), fejn il-proceduri jinbdew skond il-procedura kontemplata fil-Kap. 69. Inoltre, ghalkemm l-Artikolu 495A tal-Kodici Civili (Kap. 16) jhalliha fid-diskrezzjoni tal-Qorti jekk ghandux isir il-bejgh, xorta qeghdin jigu definiti drittijiet u obbligi tal-partijiet. Dan in kwantu l-effett tad-decizjoni hu jekk ghandix tinbiegh il-proprjeta', u fl-affermattiv il-Qorti tistabilixxi x'inhu l-prezz u min ikun qieghed jopponi l-bejgh ghandu obbligu li jersaq ghall-bejgh. Tant hu hekk li skond l-Artikolu 495A(7)(c) il-Qorti ghandha wkoll tahtar kuratur sabiex jidher ghal min jonqos li jidher fuq l-att ta' bejgh. Ghalhekk din l-eccezzjoni ser tigi michuda.

2. Fil-meritu m'hemmx kontestazzjoni li kien biss wara d-decizjoni tal-20 ta' Marzu 2007 li l-kontendenti saru jafu li l-porzjon art in kwistjoni kienet tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti bejn Anthony u Maria Assunta konjugi Xuereb. Dan wara li saru r-ricerki min-nutar li giet inkarigata mill-Qorti sabiex tippublika l-att relattiv, fejn gie skopert li l-kuntratt ta' akkwist kien igib id-data tal-21 ta' Frar 1941 u sar fl-atti tan-nutar Dr. Antonio Galea (fol. 25-30). Mill-provi rrizulta li Anthony u Maria Assunta Xuereb kienu zzewwgu fis-17 ta' Frar 1931 (fol. 58) u ghalhekk il-proprjeta' kienet tifforma parti mill-assi tal-komunjoni tal-akkwisti. Irrizulta wkoll li r-ritrattanda saret taf b'dan id-

dokument wara li kien skada t-terminu ta' l-appell, u anzi jidher li saret taf dakinhar li kellu jsir il-pubblikazzjoni tal-kuntratt (27 ta' Gunju 2007); *"Jiena nikkonferma illi dakinhar li suppost kellu jsir il-kuntratt jiena kont iltqajt mas-sur Henry Zammit fil-bini tal-Qorti; inzerta li dak inhar kellu kawza ohra s-sur Zammit. Kien saqsieni, qalli 'se mmorru ghall-kuntratt ?'. Jiena wegibtu illi l-kuntratt ma setax isir ghar-raguni li diga' semmejt. Ghidtlu wkoll li jiena kont tkellimt ma' l-Avukat Angelo Farrugia li min-naha tieghu kellu jkellimhom sabiex nippruvaw naslu b'mod bonarju"* (Xhieda ta' Dr. Carmelo Galea li nghatat fis-seduta tas-6 ta' Frar 2008). Min-naha tieghu Henry Zammit xehed li mill-20 ta' Marzu 2007 (data li nghatat id-decizjoni) l-avukat Dr. Angelo Farrugia ma kienx ikkomunika mieghu. Zied ighid li *"nikkonferma ukoll li qabel id-data li fiha suppost kellu jigi ppubblikat il-kuntratt ta' bejgh jiena lill-Avukat Angelo Farrugia ma kellimtux"*.

L-Artikolu 811(k) jipprovdi li ritrattazzjoni tista' ssir "…***jekk, wara s-sentenza, ikun instab dokument deciziv, u li l-parti li ggibu ma kinitx taf bih, inkella, illi, bil-mezzi li taghti l-ligi, ma setghatx issibu, qabel dik is-sentenza"***.

Fil-kors tat-trattazzjoni d-difensur tar-ritrattanda argumentat li f'dan il-kaz hemm ir-rekwiziti sabiex id-decizjoni tigi mhassra fuq dan il-kap, in kwantu l-kuntratt tal-21 ta' Frar 1941 (fol. 25) hu dokument deciziv u r-ritrattanda ma kienitx taf bih. Il-gurisprudenza hi fis-sens li m'huwiex bizzejjed ghar-ritrattand li jaghti prova li ma kienx jaf bid-dokument deciziv. Utli li ssir riferenza ghal gurisprudenza sabiex naraw kif gie nterpretat dan il-provvediment:-

*"la sola scoperta dell'esistenza di un documento ignorato non basta se quel documento non fu smarrito o tenuto nascosto colla frapposizione di ostacoli reali al ricupero del suo possesso"* (**Chierico Giuseppe Marmara' vs Michele Mizzi** deciza fis-16 ta' Mejju 1919 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili – Vol. XXIV.ii.35). Dan il-kaz kien jittratta digriet moghti mis-Sekond'Awla tal-Qorti Civili mehtieg biex issir donazzjoni. Ir-ritrattand argumenta li kien sar jaf

b'dan id-dokument wara li nghatat is-sentenza li biha donazzjoni giet dikjarata nulla ghaliex ma kienx hemm l-awtorizazzjoni tal-Qorti. Il-Qorti osservat, *"Che nella specie il decreto, autorizzante Carmela Mizzi a fare l'atto a base del quale viene sperimentata la odierna azione, avrebbe potuto da esso libellante essere facilmente rinvenuto per mezzo di una ricerca nei Registri della Second'Aula della Corte Civile di Sua Maesta"*.

*"Min jitlob ritrattazzjoni ghall-motiv li jkun sab xi dokument deciziv wara s-sentenza jehtieg li jipprova mhux biss li ma jkunx jaf bl-esistenza ta' dan id-dokument, imma wkoll illi uza l-hila tieghu kollha, jew ghall-inqas id-diligenza ta' bonus pater familias biex isir jaf bih u jgibu 'l quddiem meta kien imissu"* (**Giuseppe Darmanin nomine et vs Virgina Cordina et** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-11 ta' Mejju 1936 – Vol. XXIX.i.645);

*"Ir-ritrattazzjoni ma tistax tigi moghtija fuq il-motiv li wara s-sentenza instab dokument deciziv, hlief fil-kaz li dak id-dokument ma kienx possibbli li jigi ezebit qabel jew almenu li l-produzzjoni tieghu kienet difficli hafna"* (**Negte. Giuseppe Debono vs Giuseppe Fava et** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-21 ta' Jannar 1949 - Vol. XXXIII.i.703);

*"Ma jammontax ghall-injoranza tal-ezistenza tad-dokument, jew ghall-impossibilita' jew diffikulta' kbira tal-produzzjoni tieghu, il-fatt li min jitlob ir-ritrattazzjoni kien nesa li dak id-dokument kien jezisti; u ghalhekk din id-dimentikanza ma tiggustifikax it-talba ghar-ritrattazzjoni"* (**Carmelo Sultana vs Petronilla Bugeja proprio et nomine** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-16 ta' Gunju 1958).

*"Il-partijiet ghandhom access ghall-atti kollha tal-kawza u ghalhekk jitqiesu li jafu x'fihom, aktar u aktar jekk ikunu atti prodotti mill-parti stess. Kien ghalhekk b'nuqqas tal-konvenuti – x'aktarx gejja mid-drawwa, jew ahjar il-vizzju, illi parti tixhet dokument fl-atti bla ma tiflih biex tara x'fih u ma fihx – illi ma ntebhux li kien hemm il-kuntratt li issa qeghdin ighidu li hu dokument deciziv. Li kieku mxew b'aktar ghaqal, u l-atti flewhom qabel ma ipprezentawhom*

*jew ghallinqas bi thejjija ghat-trattazzjoni, u mhux wara li nghatat is-sentenza, kienu jintebhu bid-dokument u kienu jiksbu kopja tieghu bl-istess facilita' li biha kisbu l-kopja wara s-sentenza. Billi ghalhekk id-dokument ma huwiex wiehed illi l-konvenuti, li kieku mxew bil-ghaqal ta' bonu paterfamilias, ma kienux jafu bih, u lanqas wiehed li ma setghux jiksbuh, qabel is-sentenza, it-talba ghat-thassir tas-sentenza taht il-para. (k) ma tistax tintlaqa', u anzi l-qorti tqisha bhala frivola ghall-ahhar"* (**Maria Debono vs Avukat Dr. Paolo Mercieca et nomine** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-2 ta' Marzu 2007).

Il-kawzi fl-ismijiet **Pio Vassallo vs Emmanuele Chetcuti et** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Frar, 1997 u **Carmelo Busuttil vs Mary Gauci et** deciza mill-istess Qorti fl-24 ta' Jannar 1997 kienu jittrattaw is-sejbien ta' kuntratti pubblici wara li nghatat is-sentenza. Fiz-zewg sentenzi l-Qorti ta' l-Appell ikkonkludiet li dawn kienu atti li facilment kienu jirrizultaw kieku saret ricerka fir-Registru Pubbliku. Fl-ewwel sentenza citata, il-Qorti osservat: *"Il-fatt li dana ma ghamlux meta suppost li ghamlu ipoggi lir-ritrattand f'colpa li ma uzax dik id-diligenza ta' bonus pater familias biex jipprova t-titolu tieghu fi stadju opportun"*. Dan kien ukoll il-fehma li addottat l-istess Qorti fil-kawza **Schembri vs Cachia et** deciza fl-20 ta' Mejju 1895 (Vol. XV.144) li tista' tghid ikkonfermat li ghalkemm ir-ritrattand ma kienx jaf, qabel l-ghoti tas-sentenza, bl-ezistenza tad-dokument deciziv it-talba ghar-ritrattazzjoni kienet tfalli ghaliex id-dokument kien att pubbliku insinwat fir-Registru Pubbliku. F'dik is-sentenza l-Qorti tat interpretazzjoni ghall-kelma "instab" (bit-Taljan kienet *'ricuperato'*[2]): *"Che l'espressione ricupero, adoperata nel nostro articolo, e' relative all'ostacolo frapposto dalla impossibilita' o almeno grave difficolta' di avere avuto notizia del documento prima della sentenza; e quell vocabolo e' inteso ad escludere dal beneficio di un nuovo giudizio chiunque vorrebbe ricavare siffatto diritto dalla propria negligenza. Concorre a rafforzare tale conclusione la emenda introdotta nelle Leggi di Proc. Civile coll'Ordinanza suddetta, in forza della quale, rifereribilmente alla*

[2] Ordinanza numru IV tal-1854.

*ignoranza della esistenza del documento, la parola rinvenuto nel No. 9 dello Art. 828, come era precedentemente redatto, venne per la nuova legge soppressa e mantenuto il solo vocabolo ricuperato, **volendo in tale guisa il legislatore togliere la possibilita' che si desse adito ad un nuovo giudizio in favore di un litigante negligente sul solo motivo di avere egli ritrovato, dopo la sentenza, un documento nuovo, senza alcun riguardo, all circostanza se, coll'adoperare una ragionevole diligenza, egli avesse potuto scoprire la sua esistenza**".*

Ghalkemm ir-ritrattanda qalet li hi kienet qeghda tifhem li l-art kienet tifforma parti mill-assi parafernali ta' missierha in kwantu l-intimati ritrattati pprezentaw id-denunzja li saret wara l-mewt ta' Antonio Xuereb u l-art kienet tissemma bhala proprjeta' parafernali tieghu, dan il-fatt fih innifsu ma kienx prova konklussiva li l-art hi proprjeta' assoluta tal-missier. Mill-atti jirrizulta li r-ritrattanda kienet qeghda tikkumbatti t-talba ghall-bejgh tal-proprjeta' tant li fil-mori ta' dawk il-proceduri pprezentat ukoll kawza ghad-divizjoni tal-assi ereditarji fl-ismijiet **Agnes mart Henry Zammit vs Joseph Xuereb et** (Rikors numru: 39/2006) u fir-risposta (paragrafu numru tnejn[2]) ghamlet riferenza ghal din il-kawza in sostenn tat-tezi taghha li l-bejgh propost kien ta' pregudizzju gravi ghaliha. L-inqas li wiehed kien jistenna hi li r-ritrattanda taghmel ricerki biex tara xi proprjeta' kienet tifforma parti mill-assi ereditarji tal-genituri taghha. Ricerka li kieku saret kien jirrizulta dak li rrizulta wara li nghatat id-decizjoni fl-20 ta' Marzu 2007. Il-fatt li r-ritrattati kienu qeghdin isostnu li l-art kienet proprjeta' parafernali ta' Antonio Xuereb u sahansitra hekk giet dikjarata fid-denunzja li saret, ma kien jimponi l-ebda obbligu fuq r-ritrattanda li taccetta dak li kienet qeghda ssostni l-kontroparti u milli taghmel verifiki li kienu jwassluha biex tiskopri, fi zmien utli, li fir-realta' l-proprjeta' kienet tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti tal-konjugi Xuereb. Gialadarba ghazlet li ma topponix il-premessa tar-ritrattati li l-art kienet proprjeta' ta' Antonio Xuereb u ghazlet li toqghod fuq dokument li pprezentaw ir-ritrattati stess, ma tistax tilmenta minn ghazla libera li ghamlet hi stess.

3. Bla pregudizzju ghal dak li nghad, fir-ritrattazzjoni hemm zewg stadji: *"l-ewwel wiehed huwa dak komunement imsejjah rescindente, u t-tieni stadju huwa dak hekk imsejjah rescissorio u li fih terga' ssir trattazzjoni gdida u tinghata sentenza gdida"* (**Arkitett Anthony Scerri nomine vs Carmel sive Charlie Grech** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-8 ta' Novembru 1995). It-talba fir-rikors promotur tar-ritrattand hi wahda, dik ghat-thassir tas-sentenza. Ghalkemm ir-rikorrenti ghamlet riferenza ghall-Artikolu 811(k) tal-Kap. 12 u fuq din il-bazi talbet it-thassir tad-decizjoni li nghatat fl-20 ta' Marzu 2007, fir-rikors ma saret l-ebda talba ghar-ritrattazzjoni. L-Artikolu 811 tal-Kap. 12 jipprovdi li kawza deciza b'sentenza tista' fuq talba ta' xi parti interessata tigi ritrattata wara li qabel xejn tigi mhassra s-sentenza; *"dan l-inciz dejjem gie rigorozament interpretat illi fil-proceduri tas-smigh mill-gdid tal-kawza jinhtiegu zewg stadji. L-ewwel li titnehha u tithassar is-sentenza ta' qabel (in rescindente) wara li jsir is-smigh mill-gdid (in rescissorio). F'materja ta' ritrattazzjoni, it-talba ghar-revoka tas-sentenza mpunjata hija assolutament necessarja u* ***ghalhekk l-<u>iskrittura li biha tintalab ir-ritrattazzjoni</u> imma li ma jkunx fiha wkoll it-talba biex tigi revokata s-sentenza mpunjata hija nulla****"* (**Carmelo Busuttil vs Mary Gauci et** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-24 ta' Jannar 1997). Jidher li anke f'din is-sentenza l-Qorti kkonfermat li fl-iskrittura ta' ritrattazzjoni jridu jsiru zewg talbiet, wahda sabiex tithassar is-sentenza skond wiehed mill-paragrafi tal-Artikolu 811 tal-Kap. 12 u l-ohra sabiex il-Qorti tordna r-ritrattazzjoni. Dan il-punt jidher li sfugga lill-partijiet kollha. Nuqqas li fih innifsu hu wkoll ostakolu sabiex jirnexxi r-rikors intavolat mir-ritrattanda.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qeghda taqta' u tiddecidi t-talba tar-rikorrenti billi:-

1. Tichad l-ewwel eccezzjoni tar-ritrattati (eskluz Michael Xuereb u Tarcisia Camilleri) spejjez kontra taghhom.

2. Tilqa’ t-tieni eccezzjoni tar-ritrattati (eskluz Michael Xuereb u Tarcisia Camilleri) u l-ewwel eccezzjoni tar-ritrattati Michael Xuereb u Tarcisia Camilleri, u f’kull kaz tichad it-talba ghat-thassir tad-decizjoni tal-20 ta’ Marzu 2007 ukoll in kwantu r-rikors ma fih l-ebda talba sabiex il-Qorti tordna r-ritrattazzjoni.

Spejjez kontra r-rikorrenti ritrattanda.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------